SOVRINTENDENZA
TAL-PATRIMONJU KULTURALI
SUPERINTENDENCE OF CULTURAL HERITAGE

**PRESS RELEASE**
28 May 2026

**The Superintendence of Cultural Heritage Signs Guardianship Deeds with Fondazzjoni Wirt Artna and Din l-Art Ħelwa**

In a significant step towards safeguarding cultural heritage and strengthening collaboration, the Superintendence of Cultural Heritage is pleased to announce the signing of several Guardianship Deeds.

Over the past weeks, Fondazzjoni Wirt Artna and Din l-Art Ħelwa formally entered into Guardianship Deeds with the Superintendence of Cultural Heritage at the Office of the Notary to the Government in Valletta.

Fondazzjoni Wirt Artna has renewed its Guardianship Deed for five interconnected heritage sites: the Saluting Battery, Garrison Church Crypt, War HQ Tunnels, Lascaris War Rooms, and the SS. Peter and Paul Counterguard. Together, these sites present a continuous military heritage experience spanning more than 450 years, from the late Renaissance period to the Cold War.

The renewed deed also includes the addition of a Victorian artillery side-arm store at St. Anthony's Square, formerly the SS. Peter & Paul Left Flanking Battery; the original entrance to the Saluting Battery from Battery Street; and the last remaining above-ground structure associated with the underground British Combined War Headquarters in Lascaris Ditch, dating to the Second World War period. Through this agreement, Fondazzjoni Wirt Artna will undertake the restoration, conservation, management, and public accessibility of these sites.

Din l-Art Ħelwa has signed a Guardianship Deed for Qolla l-Bajda Battery in Qbajjar. The agreement provides for the restoration, management, conservation, and public accessibility of the historic Knights-period coastal battery.

The Guardianship Deeds grant both NGOs responsibility for these heritage sites for a period of ten years. Under the agreements, the NGOs will carry out the necessary restoration and conservation works, manage the sites as cultural and educational visitor attractions, and ensure continued public access and enjoyment.

173, Triq San Kristofru, Valletta VLT 2000, Malta – Tel. No.: +356 23950000

Acting on behalf of the Government of Malta, the Superintendence of Cultural Heritage is proud to entrust these important heritage sites to Fondazzjoni Wirt Artna and Din l-Art Ħelwa in recognition of their longstanding commitment and contribution to the protection, preservation, and promotion of Malta's cultural heritage.

Superintendent of Cultural Heritage, Kurt Farrugia, who is empowered to sign on behalf of the Government, said "We are proud to enter into the agreements with Fondazzjoni Wirt Artna and Din l-Art Ħelwa and we look forward to the rejuvenation of these sites under the capable hands of these NGOs. Under the aegis of the Cultural Heritage Act, the Superintendence of Cultural Heritage remains committed to the preservation, valorisation and documentation of our cultural heritage and to the transformation of such sites into citizen-led initiatives."

---

**Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali Tiffirma Atti ta' Kurazija ma' Fondazzjoni Wirt Artna u ma' Din l-Art Ħelwa**

F'dak li huwa pass sinifikattiv għall-ħarsien tal-patrimonju kulturali u t-tisħiħ tal-kollaborazzjoni, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali bi pjaċir tħabbar li ġew iffirmati għadd ta' Atti ta' Kurazija.

F'dawn l-aħħar ftit ġimgħat, Fondazzjoni Wirt Artna u Din l-Art Ħelwa formalment iffirmaw Atti ta' Kurazija mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali fl-Uffiċċju tan-Nutar tal-Gvern fil-Belt Valletta.

Fondazzjoni Wirt Artna ġeddet l-Att ta' Kurazija tagħha għal ħames siti patrimonjali biswit xulxin: il-Batterija tas-Salut, il-Kripta tal-Kappella tal-Gwarniġjon, il-Mini tal-Kwartieri tal-Gwerra, il-Kmamar tal-Gwerra ta' Lascaris, u l-Kontrogwardja ta' San Pietru u San Pawl. Flimkien, dawn is-siti jippreżentaw esperjenza kontinwa tal-wirt militari li tkopri aktar minn 450 sena, mill-aħħar tar-Rinaxximent sal-Gwerra Bierda. L-att imġedded jinkludi wkoll iż-żieda ta' maħżen tal-armi żgħar tal-artillerija ta' żmien ir-Reġina Vittorja f'Misraħ Sant'Antnin, li qabel kien il-Batterija tax-Xellug ta' San Pietru u San Pawl; id-daħla oriġinali għall-Batterija tas-Salut minn Triq il-Batterija; u l-aħħar struttura li fadal fuq l-art marbuta mal-Kwartieri tal-Gwerra Brittaniċi li hemm taħt l-art fil-Foss ta' Lascaris, li tmur lura għall-perjodu tat-Tieni Gwerra Dinjija. Fil-qafas ta' dan il-ftehim, Fondazzjoni Wirt Artna se twettaq ir-restawr, il-konservazzjoni, l-immaniġġjar u l-aċċessibbiltà għall-pubbliku ta' dawn is-siti.

Min-naħa tagħha, Din l-Art Ħelwa ffirmat Att ta' Kurazija għall-Batterija tal-Qolla l-Bajda fil-Qbajjar. Il-ftehim jipprevedi r-restawr, l-immaniġġjar, il-konservazzjoni u l-

aċċessibbiltà għall-pubbliku tal-batterija storika max-xatt li tmur lura għal żmien il-Kavallieri.

L-Atti ta' Kurazija jagħtu liż-żewġ NGOs ir-responsabbiltà għal dawn is-siti patrimonjali għal perjodu ta' għaxar snin. Skont il-ftehimiet, l-NGOs se jwettqu x-xogħlijiet ta' restawr u konservazzjoni meħtieġa, jimmaniġġjaw is-siti bħala attrazzjonijiet kulturali u edukattivi għall-viżitaturi, u jiżguraw l-aċċess u u t-tgawdija tagħhom mill-pubbliku.

F'isem il-Gvern Malti, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali hija kburija li se tafda dawn is-siti importanti għall-patrimonju ta' pajjiżna lil Fondazzjoni Wirt Artna u lil Din l-Art Ħelwa b'għarfien tal-impenn u l-kontribut dejjiema tagħhom favur il-protezzjoni, il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali ta' Malta.

Is-Sovrintendent tal-Patrimonju Kulturali, Kurt Farrugia, li għandu s-setgħa li jiffirma f'isem il-Gvern, qal li "Aħna kburin li se niffirmaw dawn il-ftehimiet ma' Fondazzjoni Wirt Artna u Din l-Art Ħelwa u nistennew bil-ħerqa r-rinnovazzjoni ta' dawn is-siti taħt l-idejn kapaċi ta' dawn l-NGOs. Taħt l-awspiċi tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali tibqa' impenjata favur il-preservazzjoni, l-apprezzament u d-dokumentazzjoni tal-patrimonju kulturali tagħna u t-trasformazzjoni ta' dawn is-siti f'inizjattivi mmexxija miċ-ċittadini."